# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur: C. Zammit-Marmarà, M.B.E.

Nru. 69 | IT-TNEJN, L-1 TA' OTTUBRU, 1945. | Nru. 69


# NUQQAS TA' FIDUCJA

(Mit-Taħdita li għamel fuq ir-"Rediffusion", is-Sur ROBERT BIASINI, Direttur tal-Biedja, it-12 ta' Awissu, 1945).

**WAHDA mill-iżjed ħwejjeġ li żammet dejjem il-biedja u l-bdiewa tagħna lura hi bla dubju ta' xejn in-nuqqas ta' fiduċja li l-bdiewa għandhom fihom infushom.**

**Jien insemmilkom fatt ċar, li hu wkoll magħruf minn bosta minnkom, li juri dak li qed ngħid jien. Jekk bidwi jiġi jitlob xi ħaġa u aħna ngħidulu ma jistax ikun, allura, huwa jibqa' jinsisti għaliha. Jekk meta jitolbok inti tgħidlu "kollox sewwa", allura dan minnufih jibda jiddubita illi dak li talbek m'huwiex fl-interess tiegħu u iktarx jitħajjar jerġa' lura minn dak li jkun talbek.**

**Dan juri nuqqas ta' fiduċja persunali, jiġifieri l-bidwi ma jafdax lilu nnifsu — jisgħobbini li jkolli ngħid dan, imma qed ngħidu għaliex din id-drawwa jiħtieġ nikkumbattuha u jiħtieġ illi fil-bidwi jiġi stabbilit moħħ sod, moħħ li għallinqas jafda lilu nnifsu, moħħ li jkun jista' jagħraf min qiegħed ifittex tassew l-interessi tiegħu u jagħżlu minn dak l-ieħor li qisu serp jitkaxkar madwaru biex jixħetlu l-velenu u jerdagħlu demmu.**

**Eżempju ieħor ta'nuqqas ta'ħsieb min-naħa tal-bidwi nista' nagħtih dwar ix-xiri taż-żerriegħa tal-patata qabel il-gwerra. Il-bidwi kien jinżel il-Marsa u jdum lek hemm nofs ta' nhar iħares lejn l-ixkejjer tal-patata mingħajr ma jixtri. In-neguzjanti kienu draw il-mentalità tal-bdiewa. Jekk iraħħsu ż-żerriegħa skut fil-qantar, ħadd ma jixtri qantar wieħed, naturalment għaliex kullħadd jistenna roħs iżjed. Meta jidħirlu, in-neguzjant kien jgħolli ż-żerriegħa skut fil-qantar, u allura l-bdiewa kienu minnufih jiġru biex jixtru dak li jkollhom bżonn.**

**B'din il-mentalità l-bidwi u l-biedja ma jistgħux jgħaddu 'l quddiem u ma jista' jsir xejn biex wieħed itejjeb is-swieq tagħna. Jiħtieġ, għaldaqshekk, illi l-bdiewa jnisslu fihom infushom dik il-fiduċja hekk meħtieġa biex l-affarijiet jimxu kif inhu xieraq.**

**Jiħtieġ illi huwa jrabbi dik il-fiduċja hekk meħtieġa biex huwa jkun jista' jgħix hieni mingħajr ma jaħseb ħażin fil-ħbieb tiegħu.**

**Biex dan jimxi sewwa, jiħtieġ illi kull bidwi fin-negozju tiegħu jimxi sewwa sew kif jixtieq li ħaddieħor jimxi miegħu; u għandu jiftakar DEJJEM, illi jekk is-suq jaqa', dan jaqa' għal kulħadd u mhux għal sieħbu biss.**

**In-nuqqas ta' fiduċja l-ewwelnett fina nfusna u mbagħad fil-ħbieb tagħna hija tabilħaqq il-qirda tal-progress u tar-risq tal-biedja, u jiħtieġ illi aħna nikkumbattu din id-drawwa bil-ħila tagħna kollha, biex ngħallmu t-tfal tagħna kif għandhom ikunu s-swieq bil-ħaqq u mingħajr qerq u biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu nibnu biedja fuq sisien sodi.**

**Jekk aħna nirsistu biex inkattru wċuħ kbar u aħjar, aħna nkunu qegħdin nagħmlu ġid lilna nfusna u nkunu qegħdin naħdmu biex torħos il-ħajja għal min jiekol.**

## L-GHAQDA NAZZJONALI TAL-BDIEWA TA' MALTA U GHAWDEX

### AVVIŻ IMPORTANTI

Il-Kumitati Distrettwali tal-Bdiewa huma mgħarrfin illi l-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa ta' Malta u Għawdex sa terġa' tintgħaqqad fuq sisien iżied sodi, u għalhekk huma mitlubin li jibagħtu l-ismijiet tal-bdiewa kollha, nisa u rġiel fuq is-sittax-il sena, li jixtiequ jissieħbu, lis-Sur Karm Zammit-Marmarà M.B.E., Villa Chelsea, Birkirkara. Il-bdiewa li ma jafux fein jinkitbu, jistgħu jibagħtu jew imorru huma stess f'Villa Chelsea, ħdejn il-Knisja l-Qadima, Birkirkara.

L-ismijiet tal-bdiewa mseħbin jinħtieġ jaslu għand is-Sur Karm Zammit-Marmarà sa nofs ix-xahar ta' Ottubru. M'għandniex bżonn ngħidu li barra mill-ismijiet għandu jkun hemm ukoll l-indirizz u l-laqam ta' kull bidwi.

Għall-informazzjoni tal-bdiewa, nixtieq infisser illi fil-ħsiebu jitressaq regolament ġdida, f'waħda mil-laqgħat tal-Għaqda, fein dawk il-bdiewa li jidħlu fil-Għaqda 'l quddiem ikollhom iħallsu £5 *biex jissieħbu biss.* Wara kollox, ma tkunx ħaġa sewwa illi dawk li ma jissieħbux jiġu servuti mill-Imseħbin, u meta mbagħad ikun jogħġobhom jissieħbu u isibu s-sodda mifruxa lesta għalihom. Mela jaqbel li dawk li għandhom jissieħbu, jissieħbu minnufih.

Nerġa' ngħid illi s-Segretarji tal-Kumitati Distrettwali tal-Bdiewa, huma mitlubin li jlestu l-listi tal-Membri li jridu jissieħbu u jibagħtuha mill-iżjed fis li jistgħu lis-Sur Zammit-Marmarà.

# IL-BIEDJA F'OTTUBRU

*(Editur tal-Propaganda)*

**Fil-Għalqa**

IS-SENA tal-biedja nistgħu ngħidu li tibda mix-xahar ta' Ottubru, l-iktar meta tagħmel xi ftit xita bħalma għamlet fl-aħħar ħmistax tax-xahar li għadda. L-ajru, kif jidher, diġà beda jissaħħab u x-xemx dlonk titgħatta bl-egħrejjex u l-għomma tas-sajf qiegħda taqleb u tittaffa b'fewġiet ta' riħ frisk. Aktarx li sakemm joħroġ "Il-Bidwi" tkun għamlet xi bexxa sewwa. Meta x-xita tinżel ma' dħul dan ix-xahar, din tkun waslet fil-waqt u l-annata la nistgħu ngħidu li hi bikrija u lanqas imwaħħra. Wara l-ewwel bexxiet tax-xita, jibda jidher in-nebbiet tas-silla u tax-xgħir għall-furrajna u tal-patata tax-xitwa jekk ma tkunx imsoqqija qabel. Il-bidwi jiġi li bħalissa jiftaħ fetħa l-art bil-moħriet biex jeqred ir-refgħan tal-ħaxix ħażin u biex l-art tixrob aħjar l-ilma tax-xita fir-raba' fejn għandu jinżara' l-qamħ, il-maħlut u x-xgħir għan-niexef. F'dan ix-xahar, u iżjed il quddiem, meta l-art tkun irtabet bix-xita u l-ħaxix ħażin ikun kiber, ikun il-waqt sewwa biex wieħed jagħżaq u jdemmel bil-banki jew jagħżaq bil-fiesa biex l-art titlesta għaż-żrigħ tal-patata bikrija tas-sajf u għall-prodotti tal-ħaxix bħal pastard, kaboċċi mwaħħra jew għal xi wiċċ ta' piżelli.

Imħabba l-budebbus, iż-żrigħ tal-ful aħjar jitħalla għall-aħħar ġranet ta' Novembru jew għall-bidu ta' Diċembru. Għall-aħħar ġimagħtejn tax-xahar iż-żara' jibda jikber sewwa, kemm-il-darba tilħaq tinżel xi ħalba xita.

**Fil-Ġnien tal-Ħaxix**

Bħalissa tista' ixxottel mill-ħmiemel basal, nevew, ravanell, krafes, indivja, kif ukoll kaboċċi mwaħħra u brokkli. Iżra' t-tursin u ħaffef ix-xtieli fil-ħammiela u żommhom xi sitt pulzieri mbegħdin minn xulxin. Tista' tiżra' wkoll 'l hawn u 'l hinn xi ftit ħass u ħaffef dawk li għandek fil ħammiela diġà.

Min għadu ma ħawwilx il-qaqoċċ jista' jfittex iħawwel issa, jekk għar-rebbiegħa jrid jieħu prodott tajjeb. Tista' wkoll tiħawwel il-ġidra ta' l-istaġun u, għall-aħħar tax xahar tiħawwel il-ġidra bikrija tal-foss. Il-ħmiemel tal-basal bħalissa messhom laħqu sewwa u kull prodott li nżara' f'Settembru. Għal min għadu ma żarax, jista' jfittex jiżra' l-ispinaċi, il-pitravi, il-karroti, ir-ravanell, is-sorfolja, il-fiġel, u xi kurrat. Bħalissa għad jista' jitħawwel il-basal għaż-żerriegħa. Ħawwel minnufih xi xtieli tat-tadam f'post taħt xi ħajt kenni u xemxi għall-prodott imwaħħar tax-xitwa u tar-rebbiegħa. Qassam ix-xalotti, u naddaf il-ħmiemel tal-frawli, u ikxef mill-għata l-qara' twil biex jixxemmex. Għall-aħħar tax-xahar jew għall-bidu tad-dieħel il-patata tas-saqwi tibda ssir. Din trid tintaqax biex it-trab jinħall u l-patata tħaxxen. Fejn tiżra', il-ħamrija trid tkun maħduma u mdemmla. Wara li tħawwel, tajjeb jekk tagħti ftit Sulfat ta' l-Ammonja. La tagħmilx dak l-iżball li tagħti ħafna Sulfat ta' l-Ammonja f'daqqa, ftit u spiss huwa l-aħjar ħaġa.

Ta' min jiżra' wkoll xi żerriegħa tal ħwawar bħalma hu merdqux, nagħniegħ u ħabaq. Il-ħwawel tan-nagħniegħ għandhom jinżabru minn wiċċ l-art.

**Fil-Ġnien tas-Siġar**

Wara li l-art tixxarrab sewwa bix-xita, is-siġar tal-frott irqiq jistgħu jiddemmlu jew bl-egħżiq wara li tferrex id-demel, jew aħjar, fejn għandek ħafna siġar, bil-banki, jiġifieri iddemmel f'qiegħ it-triqka u mbagħad tiġbed il-ħamrija. L-egħżiq ma għandux ikun wisq fil-qrib lejn iz-zokk u jinżel iżjed minn sitt pulzieri għax inkella l-egħruq jistgħu jinġerħu. Jagħmel ħażin min lis-siġra jħarbtilha l-egħruq, għax ma tagħmilx frott.

Għall-aħħar tax-xahar jew id-dieħel wieħed jista' jqaċċaq ix-xtieli tal-lanġas, tat-tuffieħ, ta' l-isfarġel u tal-pruna, iżda wieħed għandu jqaċċtilhom mill-weraq u jħallilhom biss werqa jew tnejn fit-truf tal-friegħi u, wara li jħawwilhom, isaqqihom. Dawn ix-xtieli mbagħad dlonk ixenxlu, iraħħsu u jaqbdu qabel ir-rebbiegħa.

Minn Ottubru sa April jistgħu jinżergħu xi prodotti qalb is-siġar tal-frott, iżda mhux qrib iz-zokk. Il-ħxejjex li jistgħu jinżergħu huma: ħass, selq, spinaċi, pitravi, piżelli u xi ful; il-ful u l-piżelli jaqblu ħafna mas-siġar imħabba li bl-egħruq tagħhom jagħtu sustanzi fil-ħamrija. Il-pastard u l-kaboċċi mhux ta' min jiżragħhom qalb is-siġar għax dawn ikiddu wisq u mhux ta' min jiżragħhom jew iħawwilhom madwar is-siġar, u ċ-ċiċri jagħmlu l-ħsara għax jintuskaw l-art.

---

## IS-SIĠAR FIL-PAJJIŻ U T-TOROQ

*(George D. Cousin)*

**It-Taħwil tas-Siġar**

ĦAFNA nies jaħsbu li biex wieħed jgħammar il-pjazez u t-toroq bis-siġar hija l-aktar ħaġa faċli u li tista' ssir minħajr infiq ta' flus wisq. Huwa minnu li s-siġar isebbħu kullfejn jiġu mħawwla u jsaffu l-arja tant meħtieġa għall-bniedem, iżda biex isir dan, kollox irid iż-żmien u l-ispejjeż tiegħu, l-iktar meta niftakru li għaddejna minn gwerra qalila u ħafna mxietel tal-ħażniet tas-siġar li kellna kellhom jinqerdu sabiex flokhom jinżergħu prodotti ta' l-ikel li tant konna neħtieġu.

Is-siġra li tikber fit-toroq jew fil-pjazez titnissel jew miż-żerriegħa inkella minn biċċa siġra oħra. Qabel titħawwel biex iżżejjen trieq jew pjazza, iridu mill'anqas igħaddu minn sitta sa tnien snin, biex din ikollha ftit tas-saħħa li tista' tirreżisti għall-kondizzjonijiet tal-postijiet fl-beraħ.

Wara li jitħawlu dawn is-siġar fit-toroq irid ikompli jkollhom kultivazzjoni tajba mhux biss ma' tul l-ewwel sena jew tnejn, iżda wkoll għal żmien twil. Dawn is-siġar iridu t-tisqijiet u puntali tagħhom l-għaliex inkella ma' l-ewwel ftit riħ qawwi jitgħawġu u jinkisru u x-xogħol kollu li jkun sar biex wieħed ikun rawwamhom għal bosta snin, f'daqqa waħda jtir mar-riħ.

**Tisqija**

Mt' tul is-sajf, biex dawn is-siġar jaqbdu tajjeb, iridu millanqas tisqija għal xi sitt darbiet. Wara li jkunu qabdu sewwa ma jkunx jinħtiġilhom l-istess kwantità kbira ta' ilma, iżda billi l-klima tagħna hija sħuna ħafna ma' tul is-sajf, is-siġar kollha iridu millanqas erba' darbiet tisqija biex wieħed igħinhom u ma jitilfux mill-ġmiel tagħhom.

*(Jissokta)*

